# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 15 ta` Dicembru 2016**

**Kawza Nru. 12**
**Citaz. Nru. 710/04 JZM**

**Ballut Blocks Limited (C10)**

***kontra***

**1. Il-Kummissarju tal-Pulizija**

***u***

**2. L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u b`digriet tas-17 ta` Mejju 2016 l-isem tal-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar gie sostitwit bl-isem "L-Awtorita` tal-Ippjanar"**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-24 ta` Settembru 2004 li taqra hekk :–

*PERESS illi s-socjeta` attrici hija l-proprjetarja tal-barriera maghrufa bhala HM 15, f`Wied Filep limiti tan-Naxxar u ilha topera l-imsemmija barriera bil-permessi kollha mehtiega ai termini tal-ligi ghal diversi snin ;*

*PERESS illi parti mill-imsemmija attivita` tas-socjeta` attrici tiddependi fuq sparar ta` esplozivi ghat-tqattiegh ta` blat mill-imsemmija barriera ;*

*PERESS illi skont il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta` Malta s-socjeta` attrici jehtiegilha tottjeni licenza minghand il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija kull meta tkun trid twettaq tali operazzjonijiet ta` sparer ;*

*PERESS illi l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija introduca procedura ghall-hrug tal-imsemmija licenza ai termini ta` liema l-applikant jehtieglu jottjeni l-prevju kunsens minghand il-konvenuta l-ohra, l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, sabiex l-istess licenza tinhareg ;*

*PERESS illi s-socjeta` attrici permezz ta` talba datata 24 ta` Marzu 2004 talbet li tinghata licenza ghall-isparar ai termini tal-Kap.33 tal-Ligijiet ta` Malta kif spjegat aktar `l fuq ;*

*PERESS illi b`ittra datata 25 ta` Marzu 2004 il-konvenuta Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar informat lis-socjeta` attrici u lill-konvenut l-iehor, il-Kummissarju tal-Pulizija, li ma setghetx tirrakkomanda li tinghata l-licenza mitluba mill-attrici u dan minhabba li (i) fuq is-sit in kwistjoni kien inhareg mill-istess Awtorita` konvenuta enforcement notice ai termini tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta` Malta li jgib in-numru ta` referenza ECF 806/02; (ii) ma giex sottomess restoration scheme mitlub minnha permezz ta` ittra datata 29 ta` Ottubru 2003 u dana dejjem ai termini tal-Kap. 356; u (iii) jezisti appell pendenti minn Conservation Order ukoll mahrug ai termini tal-Kap. 356 u li jolqot is-sit in kwistjoni (Anness Dok. `A`) ;*

*PERESS illi ghalhekk il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija fuq il-bazi tal-imsemmija rakkomandazzjoni naqas milli johrog il-licenza mitluba mis-socjeta` attrici ;*

*PERESS illi l-agir tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija konsistenti fin-nuqqas ta` hrug ta` licenza mitluba mill-attrici ai termini tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta` Malta jammonta ghal agir ultra vires, illegali u rragjonevoli billi l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija mar oltre l-poteri lilu konferiti mil-ligi bl-adozzjoni tal-procedura hawn fuq imsemmija, u in oltre l-agir kontestat huwa bazat fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti ghall-finijiet tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*PERESS illi l-konvenuta l-ohra, l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, qed tuzurpa poteri li ma jikkompetux lilha fil-kuntest tal-hrug tal-licenza mitluba mill-attrici ai termini tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*PERESS illi permezz ta` zewg protesti gudizzjarj prezentati mill-attrici fit-13 ta` Settembru 2004 (anness Dok. `B`) fil-konfront tal-konvenuti, it-tnejn debitament notifikati, l-attrici wara li gabet dak kollu premess a formali konjizzjoni tal-konvenuti u wara li nterpellathom sabiex jiddezistu mill-imsemmi agir illegali taghhom u in partikolari nterpellat lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija sabiex jilqa` t-talba datata 24 ta` Marzu 2004 imsemmija aktar `l fuq, poggiet lill-konvenuti in dolo, mora u culpa ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ;*

*PERESS illi ghalhekk b`effett tal-imsemmija zewg protesti gudizzjarji l-konvenuti tpoggew in mala fede ;*

*PERESS illi minkejja dana kollu l-konvenuti baqghu jippersistu bl-imsemmi agir illegali taghhom, liema agir qieghed jikkawza danni ngenti lis-socjeta` attrici konsistenti f`telf ta` qliegh u danni ohra ;*

*IGHIDU l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi m`ghandhiex din il-Qorti, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni.*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet premessi l-agir tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija konsistenti fin-nuqqas ta` hrug ta` licenza mitluba mill-attrici ai termini tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta` Malta huwa null stante li jammonta ghal agir ultra vires u illegali li qieghed isir b`mod irragjonevoli u in mala fede hekk kif premess.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir tal-konvenuta l-ohra, l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, huwa null stante li din qed tagixxi ultra vires b`mod irragjonevoli u in mala fede billli qed tuzurpa poteri li ma jikkompetux lilha fil-kuntest tal-hrug tal-licenza mitluba mill-attrici ai termini tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Tordna lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li johrog il-licenza mitluba mill-attrici fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefiggi din l-Onorabbli Qorti fil-kaz ta` nuqqas ta` ottemperanza.*

*4. Tiddikjara u tiddeciedi illi b`rizultat ta` tali agir il-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici.*

*5. Tillikwida d-danni hekk kagunati mill-konvenuti jew min minnhom, okkorrendo bin-nomina ta` periti nominandi.*

*6. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom li jhallsu lill-attrici d-danni hekk likwidati ai termini tat-talba precedenti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk relattivi ghall-protesti gudizzjarji datati rispettivament 3 u 13 ta` Settembru 2004 u bl-imghax legali fuq id-danni likwidati a karigu tal-konvenuti li huma minn issa stess ingiunti ghas-subizzjoni taghhom.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti ndikati.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta li kienet prezentata fil-<u>15 ta` Ottubru 2004</u> li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni u dan a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 469A (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma daqstant infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta` attrici ma tistax tippretendi xi haga mill-Awtorita` eccipjenti meta hi stess taf ben tajjeb illi jekk hemm xi illegalitajiet jew pendenzi fuq is-sit, dawn ghandhom jigu sanzjonati jew rizolti qabel ma jigi mitlub xi permess minnha u dan anke a bazi tal-istess `policies` tal-Awtorita` eccipjenti.*

*3. Illi fil-fatt, kif qalet ben tajjeb is-socjeta` attrici fic-citazzjoni taghha hemm `enforcement notice` fuq dan is-sit u dan igib in-numru ta` ECF 806/02 li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. MEPA 1 (a, b u c).*

*4. Illi di piu` l-istess socjeta` attrici ghad fadalla tesebixxi `restoration scheme` mitlub mill-Awtorita` eccipjenti u dan a bazi ta` ittra datata 29 ta` Ottubru 2003 u kif sussegwentement estiza skont ittra datata 10 ta` Ottubru 2004 (Dok. MEPA 2 u MEPA3).*

*5. Illi s-sit `de quo` huwa skedat u huwa milqut b`ordni ta` konservazzjoni u dan ifisser li fuq is-sit ma jista` jsir l-ebda zvilupp iehor liema ordni qed tigi esebita u mmarkata Dok. MEPA4.*

*6. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Awtorita` konvenuta, il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li pprezentat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija li kienet prezentata fit-<u>22 ta` Ottubru 2004</u> li taqra hekk :–

*1. In linea preliminari in kwantu din l-azzjoni hija diretta lejn att amministrattiv a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, l-atturi ghandhom jindikaw taht liema klawzola ta` dak l-Artikolu qed jibbazaw l-allegazzjonijiet taghhom li l-agir tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija huwa ultra vires.*

*2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost kuntrarjament ghal dak allegat mill-atturi l-esponent agixxa fil-parametri tal-poteri moghtija lilu skont il-ligi u mexa bl-akbar diligenza meta introduca process ta` konsultazzjoni mal-MEPA ghall-finijiet ta` hrug ta` permessi simili.*

*3. Illi l-iskop ta` din il-konsultazzjoni hu in vista tal-fatt li hija l-MEPA li ghandha l-makkinarju relattiv biex isiru t-testijiet dwar l-isparar kif fil-fatt sar, oltre l-fatt li hija l-istess MEPA li ghandha obbligu li thares l-ambjent.*

*4. Illi in oltre l-hrug tal-permess ta` barriera isir mill-MEPA u allura jkun assurd illi l-esponent johrog permess ghall-attivita` li se ssir f`post li hu kopert minn permess ta` entita` ohra.*

*5. Illi konsegwentement l-esponent agixxa korrettement amministrattivament. Anzi kien ikun qed jagixxi ultra vires kieku ttenta jagixxi dwar attivita` f`post li hu kopert b`permess mahrug mill-MEPA.*

*6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-bazi tal-oggezzjoni tal-MEPA ghall-hrug tal-permess hija gustifikata u tkompli tikkonferma s-sens ta` responsabbilta` li mexa biha l-esponent fl-istadji kollha ta` dan il-kaz.*

*7. Illi in vista tas-suespost huwa m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez.*

*8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta` dan il-konvenut, u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Gunju 2015 fejn kien dikjarat min-naha tas-socjeta` attrici illi fis-sostanza l-azzjoni attrici kienet ibbazata fuq l-Art 469A tal-Kap 12.

**Rat id-digriet li tat fl-14 ta` Gunju 2015 fejn, wara talba tal-partijiet, tat provvediment fis-sens illi kienet sejra tisma` provi sabiex eventwalment taghti decizjoni dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici.**

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

**Rat id-digriet fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici.**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Paul Vella** – direttur tas-socjeta` attrici ["**Ballut**"] - ipprezenta affidavit.

Xehed illi Ballut topera fis-settur tal-manifattura ta` materjal tal-bini u hija s-sid ta` barriera maghrufa bhala HM15 sitwata go Wied Filep limiti tan-Naxxar li ilha topera ghal madwar tletin sena. Biex topera l-barriera, Ballut trid tikseb permess kull sena mill-Awtorita` dwar ir-Risorsi. Apparti dan, meta tigi biex tqatta` l-blat bl-uzu ta` esplozivi fil-barriera, tehtieg permess *ad hoc* ghal kull operazzjoni minghand il-Kummissarju tal-Pulizija skont l-Ordinanza dwar l-Esplozivi. Fl-24 ta` Marzu 2004, Ballut ipprezentat applikazzjoni ghal dan il-ghan. L-ghada l-MEPA baghtet ittra lilha b`kopja lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn infurmat lil Ballut li l-MEPA ma kinitx ser

tirrakkomanda l-hrug tal-permess ghaliex (i) il-barriera HM15 kienet soggetta ghal *enforcement notice* ; (ii) ma kienx tressaq *restoration scheme* mitlub mill-MEPA f`Ottubru 2003 u (iii) hemm appell pendenti minn *Conservation Order* li jolqot dik il-barriera.

Stqarr illi fil-konfront ta` Ballut, kienu sehhew numru ta` irregolaritajiet. Id-decizjoni dwar il-hrug ommeno tal-permess skont l-Ordinanza dwar l-Esplozivi ittiehdet unikament mill-MEPA. Skont l-Ordinanza, id-diskrezzjoni dwar il-hrug ommeno ta` l-permess hija fdata unikament lill-Kummissarju tal-Pulizija li a jistax jiddelega l-funzjonijiet tieghu. Huwa spjega li tul il-process kollu tal-applikazzjoni ghall-hrug tal-permess, il-Kummissarju tal-Pulizija kien ghal kollox sieket u assenti u kienet il-MEPA li hadet rwol attiv li wassal ghall-ittra tal-24 ta` Marzu 2004. Li gara kien illi l-Kummissarju tal-Pulizija ddelega lill-MEPA d-diskrezzjoni li ghandu bl-Ordinanza, u adotta procedura li fil-prattika kienet qed teskludih mill-process tal-hrug tal-permess. Il-bazi tar-rifjut hija kompletament irrelevanti ghall-finijiet ta` l-Ordinanza. Id-delega tal-funzjonijiet lill-MEPA kienet kontra l-ligi u l-MEPA uzurpat l-funzjonijiet li ma jispettawx lilha.

Spjega illi mhux kontestat li l-proceduri indikati mill-MEPA pendenti quddiem il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar, jigifieri l-appell mill-*enforcement notice* u l-appell mill-iskedar tal-barriera, jezistu u ghadhom pendenti, izda dawn il-proceduri ma ghandhom xejn x` jaqsmu ma` din il-kawza.

Huwa xehed li l-procedura adottata mill-Kummissarju hija ghal kollox zbaljata ghax dan ma kellux jiddelega lill-MEPA l-funzjonijiet tieghu taht l-Ordinanza dwar l-Esplozivi. Id-decizjoni ttiehdet fuq konsiderazzjonijiet ghal kollox irrelevanti ghall-finijiet ta` l-Ordinanza. Huwa sostna li ghall-finijiet tal-kwistjoni odjerna dwar jekk kienx hemm delega illegali ta` poteri minn naha tal-Kummissarju lill-MEPA, l-eventwali appelli quddiem il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar huma ghal kollox irrelevanti. Il-mertu ta` dawk l-appelli huwa jekk l-*enforcement notices* u l-iskedar mahruga mill-MEPA humiex validi jew le izda l-kwistjoni tal-lum ma ghandha x` taqsam xejn mal-kwistjoni jekk il-Kummissarju u l-MEPA humiex qed jagixxu b` mod illegali kif fuq spjegat. Il-pozizzjoni mehuda mill-MEPA tkompli tikkonferma l-fatt li hija qed tqis ruhha bhala dik li tiehu d-decizjonijiet dwar jekk johrogx permess ghall-uzu ta` esplozivi jew le. Il-punt kollu ta` din il-kawza huwa dwar permess li ma jinharigx mill-Awtorita` izda mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma illi l-bariera in kwistjoni hija kolpita b`*enforcement notice.* L-applikazzjoni in kwistjoni kienet prezentata lill-Kummissarju tal-Pulizija u ntbaghtet kopja taghha lill-MEPA. Mal-applikazzjoni prezentata *site plan* biex ikunindikat bl-ezatt il-post. Safejn jaf hu dejjem il-Pulizija johorgu l-permessi. Saru applikazzjonijiet dwar barriera HM22 u qatt ma sar ilment fis-sens illi MEPA kienet qed tigi konsultata. Meta harget il-licenzja, huma kienu jikkoordinaw ma` kuntrattur specjali biex jakkwista l-isplussivi. Il-kuntrattur kien Frame Grip Limited, li mbaghad kien jikkordina mat-Taqsima tal-Weapons tal-Pulizija.

Ikkonferma li dwar ir-*restoration report* kienu inkarigaw konsulenti ADI Consultants li hejjew rapport izda sa llum ghadhom ma gewx infurmati jekk kienx approvat jew le. Qal illi kienu ghamlu trattativi ma` l-Perit Godwin Cassar li kien id-Direttur ta` l-Ippjanar u ntlahaq kompromess dwar fejn seta` jsir sparar u qtugh ta` blat. Gara pero` li meta Austin Walker sar Chairman tal-MEPA t-tahdidiet kellhom jibdew mill-gdid u ma kien konkluz xejn.

**Oliver Magro** – mill-Awtorita` konvenuta – xehed illi fl-ittra tal-25 ta` Marzu 2004 Joseph Vella ghan-nom ta` Ballut kien infurmat li ma kienx ser jinghata *clearance* ghal *blasting* minhabba tlett ragunijiet. L-ewwel raguni kienet li kien hemm *enforcement notice* bin-nru 806/02 li harget fis-7 ta` Novembru 2002. Sar appell li kien ghadu pendenti. It-tieni raguni kienet illi ma gietx prezentata *restoration scheme* skont ittra tad-29 ta` Ottubru 2003 mibghuta mid-direttur generali tal-MEPA ta` dak iz-zmien, Perit Godwin Cassar. Kien hemm kuntatti u r-*restoration scheme* kien prezentat fit-28 ta` Awissu 2006 wara li nghatat koncessjoni sabiex ir-*restoration scheme* tigi pprezentata. It-tielet raguni kienet li kien hemm decizjoni fuq appell minn *conservation order* li kienet ghadha hemm pendenti. Il-*conservation order* harget fil-5 ta` Awissu 2003 dwar il-Victoria Lines li gew skadati b`Avviz tal-Gvern 85/01. Il-barriera giet taqa` fil-*buffer zone* li kien indikat biex jipprotegi z-zona. Ghal dawn it-tliet ragunijiet ma setax isir tqattiegh ta` blat u *blasting* fil-barriera.

Kompla jixhed illi l-ittra tal-25 ta` Marzu 2004 intbaghtet ukoll lill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Andrew Seychell. Il-MEPA kienet oggezzjonat li licenzja tibqa` tinhareg fuq dik il-barriera. Huwa spjega li l-procedura kienet li ssir applikazzjoni mal-Pulizija u wara li jinghata l-*clearance* mill-Pulizija, kien jintalab *clearance* min-naha tal-MEPA sabiex jigi

supplit materjal li jintuza bhala spluzziv. Huwa spjega li l-MEPA kienet taghti r-rakkomandazzjoni taghha izda d-decizjoni finali tittiehed mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa kkonferma li in linea generali l-Pulizija jimxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-MEPA ghalkemm mhux dejjem.

Fil-**kontroezami**, spjega li l-licenzja tinghata mill-Kummissarju mhux mill-Awtorita`. Il-licenzja li tinghata tkun biex jintuza certu splussiv. Billi hemm involut il-blat, hemm zvilupp u tkun necessarja konsultazzjoni mal-MEPA biex il-Kummissarju jinghata *clearance* biex isir dak l-izvilupp. Kompla jghid li l-MEPA tigi kkonsultata biex jigi vverifikat jekk hemmx *enforcement notices.* Spjega li fil-proceduri tal-appell, kienu ntalbu diversi differimenti ghal diversi ragunijiet fosthom li kienet qed issir ir-*restoration plan* tal-barriera kif ukoll ghaliex kien hawn l-kawza tal-lum pendenti. Huwa kkonferma li fl-applikazzjoni stess, Ballut kienet tikkopja lil MEPA. Huwa spjega li minn ricerka li ghamel ta` l-iskedar tal-Victoria Lines irrizulta li ma sar l-ebda *clearance* ghal *blasting* min-naha ta` l-Awtorita`. Jekk tinghata l-licenzja, l-iskop tal-*conservation order* tal-*buffer zone* ikun sar ghal xejn. Ippreciza li huwa ma kienx involut fir-rakkomandazzjoni tac-cahda tal-permess.

**L-Ispettur tal-Pulizija Denise Miruzzi Mula** xehdet li hija nkarikata mit-Taqsima tal-Armi tal-Pulizija. Fiz-zmien in kwistjoni, kienet issir applikazzjoni kull darba li jkun ser isir *blasting*. Bittra tas-27 ta` Lulju 2012, il-MEPA infurmat lill-Kummissarju tal-Pulizija li *blasting requests* ghandhom jigu moghtija lil certu barrieri, izda l-barriera in kwistjoni ma kenitx imsemmija fil-lista provduta mill-MEPA. L-ahhar licenzja *to blast* li harget lil HM15 kienet fl-2004. Il-Pulizija talbu *clearance* mill-MRA, u mill-MEPA izda l-MEPA kienu rrakomandaw li ma jinghatax *clearance*. In segwitu l-Kummissarju tal-Pulizija ma harigx *clearance* ghal dik il-*blasting procedure*. Solitament il-Pulizija jimxu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-MEPA. Ma kienx hemm kazi fejn il-Pulizija marru kontra r-rakkomandazzjoni tal-MEPA.

Fil-**kontroezami** ikkonfermat li mit-Taqsima tal-Armi johorgu l-permessi ta` l-isplussivi. Bhala procedura qabel tiggedded il-licenzja, jigu kkonsultati l-AFM, il-Works Dipartment u d-Distrett tal-Pulizija fejn tkun tinsab il-barriera. Spjegat li kienu jezaminaw ukoll il-lista li kienet tintbaghat mill-MEPA dwar il-barrieri fejn jista` jsir *blasting*. Fost il-proceduri jsir ukoll *due diligence* tal-persuna li qed titlob il-licenzja. Hija xehdet li l-Pulizija jaraw ir-ragunijiet li tat il-MEPA u jekk dawn humiex validi jew jekk jinhtiegx kjarifiki. Jekk ir-ragunijiet moghtija jkunu validi, il-

Kummissarju jaghtihom konsiderazzjoni. Ikkonfermat illi ttiehdet decizjoni finali mill-Kummissarju wara li kkonsulta l-entitatjiet koncernati. Hija kkonfermat li meta hemm zvilupp illegali, dan jikkostitwixxi reat u ladarba saret referenza ghal *enforcement notice,* il-Kummissarju kien ser jaghti kas taghha.

**<u>L-Ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo</u>** xehed li d-Deputat Kummissarju jmexxi s-sezzjoni li tqis permessi u licenzji. Meta jkun hemm decizjoni x`tittiehed, id-Deputat Kummissarju ighaddi kollox lill-Kummissarju wara li jkun tah l-isfond tal-kwistjoni. Spjega li huwa kien jiehu d-decizjoni bazikament fejn jidhlu licenzji b`mod generali. Fil-kaz ta` splussivi, kien hemm *Special Branch* li kienet taht ir-responsabilita` tal-Assistent Kummissarju Andrew Seychell. Huwa kkonferma li bhala regola generali, meta jkun hemm rakkomandazzjoni mill-MEPA, huwa kien jimxi maghha.

**<u>Id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija Andrew Seychell</u>** xehed li kienet inghatat rakkomandazzjoni mill-MEPA sabiex ma tinharigx il-licenzja fir-rigward ta` dan il-kaz. Huwa spjega  li kienet tigi kkonsultata wkoll il-Quarries Unit li kellha lista tal-barrieri ta` Malta. Awtoritajiet ohra kienu jigu kkonsultati biss peress li l-ahhar kelma dejjem kienet tal-Kummissarju tal-Pulizija. Solitament il-Kummissarju tal-Pulizija joqghod fuq is-suggerimenti li jkollu. Wara li ntbaghtet l-ittra in kwistjoni, il-Kummissarju tal-Pulizija baqa` jistenna li jkun hemm zviluppi.

**<u>Franco Pisani</u>** xehed illi bejn l-1994 u l-2010 huwa kien *principal technical officer* fl-ufficju tal-Awtorita` tal-Ippjanar responsabbli mill-*minerals.* Qal illi l-Kummissarju tal-Pulizija huwa responsabbli ghall-hrug tal-permessi ta` l-isplussivi. Dan jikkonsulta mad-Dipartimenti kollha. Fl-1992 wara li saret l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, l-Awtorita` saret responsabbli ghall-uzu ta` l-art. Ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija kien jikkonsulta mal-Awtorita` tal-Ippjanar. Qal illi l-kuntrattur jibghat pjanta u dettalji ta` fejn qed jippreparaw it-toqob, in-numru tat-toqob, il-fond tat-toqob u l-gelatina u mbaghad kien jikkonsulta maghhom bhala ufficju. Fil-kaz tal-lum, dahlet applikazzjoni fir-rigward ta` l-barrieri HM 15 u HM 22. Kien hemm  oggezzjoni ghal varji ragunijiet. Ittiehed parir legali peress li fil-barriera HM 15 kien hemm zvilupp illegali. Huwa kkonferma li kien hemm illegalitajiet fil-barriera. Huma oggezzjonaw li tinhareg il-licenzja. Kompla jghid li l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx kellimhom lura.

Stqarr illi kull fejn jidhol l-uzu ta` l-art, huwa rikjest peremss. Ikkonferma li *drilling* u *blasting* tal-blat jirrikjedi permess. Ipprezenta kopja ta` l-pjan ta` struttura minn fejn jirrizulta r-rekwizit ta` clearance. Ipprezenta wkoll *policies* li johrogu mill-*istructure plan*, kif ukoll estratt mid-*Development Planning Act.*

Fil-**kontroezami**, ikkonferma li meta intbaghtet il-korrispondenza ta` Marzu 2004, huwa kien jaf li l-*enforcement notice* u l-*conservation order* kienu gew appellati. Ir-rakkomandazzjoni ta` Marzu 2004 saret minnu wara parir legali. In segwitu ma kienx intalab jaghmel kjarifiki. Lanqas ma ntalab xi feedbank mill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Joseph Magro Conti**, Unit Manager – Heritage – MEPA – xehed illi parti mix-xoghol tieghu huwa li jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-iskedar tal-protezzjoni tal-immobbli f`Malta. Fisser l-importanza tal-*Victoria Lines.* Spjega li l-Inglizi kienu indunaw li Malta kienet tiswa ghalihom u ghalhekk investew fil-*Victoria Lines* sabiex isahhu lil Malta u jiffortifikawha. Il-*Victoria Lines* mhux mibnija kollha l-istess ghax jiddependi mill-pajezagg fejn jinsabu. Il-*Victoria Lines* baqghu jigu utilizzati anke fit-Tieni Gwerra Dinija. Il-bicca l-kbira minnhom ghadhom jezistu sal-lum u huma skedati. Mhux kollha huma restawrati izda kollha huma uzati u fi stat accettabbli.

Huwa elabora dwar il-process li jintuza sabiex gie stabbilit il-*buffer zone* in kwistjoni. Spjega li l-ghan tal-*buffer zone* huwa li jissalvagwardja l-pajezagg u l-patrimonju artistiku u storiku. Skont l-Art 81 tal-Ligi tal-Izvilupp, il-MEPA nghatat rwol specjali biex thares dan il-patrimonju. Meta ssir referenza ghall-*Victoria Lines*, wiehed ikun qed jirreferi ghall-elementi kollha inkluzi l-*glacis* li jinsabu fil-*buffer zone*. Dan ifisser li tkun trid titqies ukoll il-periferija tal-*Victoria Lines*. L-inginiera militari ma hasbux biss fuq hajt izda ghamlu sistema shiha li kellha tkun imharsa.

Qal illi l-*glacis* fih innifsu ghandu elementi ohra ta` patrimonju. Il-*buffer zone* ghandu l-iskop li ma titkompliex titnaqqar is-sistema li qed tigi protetta. Skont Policy UC 07, gewwa *buffer zone* ma jistax isir zvilupp *which impairs the setting*. Spjega li Ballut kienu talbu rikonsiderazzjoni mill-MEPA dwar dan l-iskedar ; imbaghad ghamlu appell. *Buffer zones* ma sarux biss ghall-V*ictoria Lines* izda ukoll ghall-fortifikazzjoni tal-Belt. Sabiex saret il-linja tal-*buffer zone*, kienu studjati l-mapep tar-Royal Engineers u *existing topographic features*. Jekk tinhareg licenzja biex isir intervent bl-isplussivi, ikun ifisser li jinqered dak li fadal.

Fil-**kontroezami,** xehed illi huwa kien wiehed mill-ufficjali tat-tim li kien qed jiehu hsieb l-iskedar tal-*Victoria Lines*. Safejn jaf hu, il-*buffer zone* sar mat-tul kollu tal-*Victoria Lines*. Il-parti ta` fuq tal-*buffer zone* in kwistjoni hija l-*villa area* ta` San Pawl tat-Targa u ghalhekk il-vilel kollha jinsabu fil-*bufferzone*. Minn ilu jezisti l-*buffer zone*, permessi ghal vilel huma kontrollati skont il-*policies* tal-*local plan*. Mistoqsi jekk fil-kaz li Ballut tinzel aktar fil-fond issirx hsara ghall-*Victoria Lines*, stqarr illi l-iskavar jista` xorta jaffettwa l-*Victoria Lines*. Jekk jitnaqqar aktar `l isfel, l-impatt fuq il-*Victoria Lines* ser ikun anqas izda xorta ser jikun hemm impatt. L-ghan tal-*buffer zone* huwa sabiex jigi kkontrollat l-izvilupp halli ma ssirx aktar hsara. Fil-*buffer zone*, hemm postijiet fejn ma tista` taghmel xejn hlief manutenzjoni tas-sit mentri fil-postijiet fejn hemm il-hsara, qed isir *early restoration* tas-sit. Ikkonferma li normalment *blasting* isir taht is-supervizjoni u l-moniteragg mill-MEPA li tiddetermina l-kwantita` ta` splussiv li qed jintuza u l-postijiet fejn ser isir l-isparar.

Mistoqsi dwar Madliena Village, huwa spjega li diga` nghataw rakkomandazzjonijiet. F`dawk l-inhawi l-*Victoria Lines* gew maqtughin min-nofs biex tghaddi triq izda dan sehh hafna zmien ilu. Huwa sostna li fil-kaz ta` villa, hemm certu *reversibility of the landscape* mentri meta ikun tqatta` l-blat, dan ma jistax isir. Trid issir distinzjoni fejn dak li ikun sar tqattiegh u fejn ma jkunx sar. Huwa kkonferma li l-barriera kienet ilha topera mis-snin hamsin bil-permess u b`mod konsistenti.

## III. <u>Fatti</u>

Ballut hija proprjetarja tal-barriera maghrufa bhala HM15 sitwata fil-Wied Filep, limiti tan-Naxxar. Il-barriera topera bil-permessi mahruga mill-awtoritajiet kompetenti. Bhal ma ghamlet fi snin precedenti, fl-24 ta` Marzu 2004, Ballut talbet licenza ghal splussivi biex tkisser il-blat kif rikjest bil-Kap 33. B`ittra tal-25 ta` Marzu 2004, l-Awtorita` konvenuta avzat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lil Ballut li ma setghetx tirrakomanda li tinghata l-licenza ghal tliet ragunijiet li huma ndikati fl-ittra stess :-

a) Illi fuq is-sit kienet harget *enforcement notice* bin-nru ECF 806/02 ;

b) Illi ma kienx prezentat *restoration scheme* rikjest b`ittra tad-29 ta` Ottubru 2003 ;

c) Illi kien hemm appell pendenti minn *Conservation Order* li jolqot is-sit in kwistjoni.

Minhabba din ir-rakkomandazzjoni negattiva tal-Awtorita`, il-Kummissarju tal-Pulizija rrifjuta li johrog il-licenzja mitluba mis-socjeta` attrici.

Ballut mexxiet bil-kawza tal-lum skont l-Art 469A tal-Kap 12. Qeghda tilmenta illi l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija kien jammonta ghal agir *ultra vires*, illegali u irragjonevoli peress li skont is-socjeta` attrici l-Kummissarju tal-Pulizija mar oltre l-poteri konferiti bl-adozzjoni ta` procedura fejn kien qed jitlob il-prevju kunsens ta` l-Awtorita` intimata sabiex johrog il-licenzja. Skont is-socjeta` attrici, l-Awtorita` intimata uzurpat poteri li ma jikkompetux lilha.

## IV. **L-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta**

Kien eccepit illi din il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni skont l-**Art 469A(4) tal-Kap 12** li jaqra hekk :-

*Id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta` kontestazzjoni jew ta` ksib ta` rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f`xi ligi ohra.*

Dwar din id-disposizzjoni, din il-Qorti (**PA/JRM**) fis-sentenza li tat fil-15 ta` April 2014 fil-kawza "**L-Av. Joseph A. Schembri et noe vs Il-Ministru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali et**" qalet hekk :-

*Illi l-Qorti tibda biex tqis li ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eccezzjoni ghar-regola li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni, jehtieg li tali sub-artikolu jitfisser f`sens dejjaq kemm jista` jkun biex ma jgibx fix-xejn l-ghan li ghalih il-legislatur dahhal din l-ghamla ta` azzjoni revizorja fil-procedura lokali.*

*Kif diga` nghad mill-Qrati taghna, l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati li jistharrgu ghamil amministrativ ghandha tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli ghaliha u hija naqset li tirrikorri ghalih bla raguni tajba (App. Civ. 6.5.1998 fil-kawza fl-ismijiet **Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs***

***Paul Gauci et*** *(mhix pubblikata) u App. Civ. 5.10.2001 fil-kawza fl-ismijiet* ***Cauchi vs Chairman Awtorita` tal-Ippjanar*** *(Kollez. Vol: LXXXV.ii.943) ;*

*Illi l-Qorti tifhem li biex il-gurisdizzjoni tal-Qorti li tistharreg ghamil amministrattiv titnehha, ir-rimedju taht xi ligi ohra moghti lill-persuna mgarrba b`dak l-ghamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaci (8 P.A. PS 28.1.2004 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita` tad-Djar et****).*

*Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-iehor b`mod kapriccuz, f`liema kaz ma jkunx xieraq li, minhabba n-nuqqas taghha, mbaghad iddur ghall-kenn tal-azzjoni ta` stharrig gudizzjarju taht l-artikolu 469A. Bilkemm ghandu ghalfejn jizdied jinghad ukoll li jaqa` fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju iehor disponibbli ghall-persuna mgarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raguni tajba li tinqeda bih.*

*Illi m`ghandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternativ taht xi ligi specjali ma jkunx disponibbli ghal xi persuna mhux bi htija taghha jew lil hinn mill-kontroll taghha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitnehhielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistharreg l-eghmil amministrativ li minnu tilminta li garrbet xi hsara jew pregudizzju (P.A. GV 29.3.2004 fil-kawza fl-ismijiet* ***Dr. Philip Galea et vs Tigne` Development Co. Ltd. et*** *).*

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Ottubru 2001 fil-kawza "**John Cauchi vs Chairman Awtorita` tal-Ippjanar**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*L-imsemmi sub-artikolu (4) tal-artikolu 469A espressament jisvesti l-Qrati Ordinarji mill-gurisdizzjoni moghtija lilhom bis-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu 469A li jistharrgu gudizzjarjament decizjonijiet amministrattivi, fuq fatti u konsiderazzjonijiet li jkunu diga` gew mistharrga u decizi minn Bordiijiet, tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu, jew gew inkarigati ad hoc mil-legislatur b`xi ligi specjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeciedu kwistjonijiet teknici jew legali imsemmija fl-istess ligi specjali.*

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tad-diversi sentenzi li ghamlet referenza ghalihom l-Awtorita` konvenuta, b`mod partikolari dawk fl-ismijiet : "**Richard Zammit vs Chairman Awtorita` l-Ippjanar**" : Qorti ta` l-Appell : 21 ta` Mejju 2002 ; "**Victor Attard vs Chairman Awtorita` ta` l-Ippjanar**" Qorti ta` l-Appell : 7 April 2003 ; "**Pietru Pawl Borg et vs L-Awtorita` ta` l-Ippjanar**" : Qorti ta` l-Appell : 8 ta` Mejju 2003 ; "**Trimeg Ltd vs L-Awtorita` ta` l-Ippjanar**" : **PA/PS** - 28 ta` Jannar 2004 ; "**Alfred Cini vs**

**L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** : Qorti ta` l-Appell : 2 ta` Lulju 2010 ; u "**Jane Gatt vs L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** : **PA/JRM** - 24 ta` April 2013.

L-Awtorita` konvenuta tghid illi s-socjeta` attrici kienet ghadha ma ezawritx ir-rimedji ordinarji taghha qabel istitwiet l-azzjoni tant li kellha zewg appelli li kienu pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar : wiehed kontra l-iskedar tal-barriera mertu tal-kawza tal-lum ; u l-iehor kontra l-avviz ta` infurzar li hareg kontra s-socjeta` attrici fuq l-istess barriera. L-Awtorita` tghid illi minn dawn il-proceduri pendenti ghad jista` wkoll jkun hemm dritt ta` appell quddiem il-Qorti ta` l-Appell. Ghalhekk huwa stat ta` fatt li s-socjeta` attrici ghadha ma ezawritx ir-rimedji ordinarji taghha.

Sar l-argument li fil-pendenzi quddiem il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar, iz-zewg appelli kien gew differiti ghadd ta` drabi minhabba li l-partijiet kienu qeghdin jistennew l-esitu ta` din il-kawza. Dan jindika kemm in effetti dawn iz-zewg proceduri ghandhom x` jaqsmu mal-kaz tal-lum. Skont l-Awtorita` intimata, ir-rimedju ahhari wara din il-kawza u wara l-appelli li saru quddiem il-Bord huwa li jinghata l-permess lis-socjeta` attrici biex tkompli tqatta` l-blat bl-isplussiv fil-barriera HM15. Fil-kaz illi tintlaqa` t-talba, allura ma jkunx hemm ghalfejn jitkomplew l-appelli quddiem il-Bord, peress li skont l-Awtorita` intimata l-iskop tal-*conservation order* kif ukoll tal-*bufferzone* jkunu bla effett.

Konxja mill-gurisprudenza fuq riferita, din il-Qorti tghid li dak li ghandu jitqies huwa x`qed jintalab fil-kawza tal-lum. Fil-fatt fil-kawza qieghed jigi allegat li l-procedura adottata mill-Kummissarju tal-Pulizija hija zbaljata peress li l-Kummissarju ma setax jiddelega l-funzjonijiet tieghu skont l-Ordinanza dwar l-Esplozivi ; qed jigi allegat ukoll illi d-decizjoni ttiehdet fuq konsiderazzjonjiet li kienu ghal kollox irrelevanti ghall-finjiet ta` l-istess Ordinanza. Ghalhekk dak li qed jigi kkontestat fil-kawza tal-lum huwa l-mod kif ittiehdet id-decizjoni dwar il-licenzja in kwistjoni. Huwa veru li hemm pendenti xi proceduri quddiem il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar izda dawn jirrelataw ma` kwistjonijet ohra tal-barriera, u ma jirrigwardax il-**licenzja ghall-permess ta` uzu ta` splussivi fil-barriera**.

Din il-Qorti hija konsapevoli li tnejn mit-tlett ragunijiet li nghataw mill-Awtorita` konvenuta biex jimmotivaw l-oggezzjoni taghha ghall-hrug tal-licenzja ghall-uzu ta` splussivi fil-barriera in kwistjoni kienu li l-barriera

tinsab go zona skedata u li partijiet mill-barriera kienu kolpiti b`avviz ta` infurzar vigenti. Madanakollu dawn ir-ragunijiet la jirriflettu r-ragunijiet kollha li fuqhom giet imsejsa l-oggezzjoni u lanqas m`ghandhom x` jaqsmu mal-kwistjoni ta` jekk kienx hemm delega ta` awtorita` li saret b` mod illegali u dwar jekk il-konvenuti agixxewx b` mod illegali. Il-mertu ta` z-zewg pendenzi quddiem il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar jikkoncernaw il-validita` o meno tal-avviz ta` infurzar u tal-iskedar.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.**

## V. <u>L-ewwel talba</u>

### 1. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>

**<u>L-Art 469A(1) tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

*Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta` kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta` xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss :*

*(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ;*

*(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin :*

*(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu ; jew*

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta` qabel dwar dak l-eghmil ; jew*

*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ;*

*(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.*

Ghalkemm huwa minnu li fic-citazzjoni ma sarx accenn ghal liema parti tal-Art 469A(1) tal-Kap 12 kienet qeghda tigi nvokata in sostenn tal-ewwel talba, abbazi ta` xiehda ta` Paul Vella, jirrizulta li l-ilment huwa bazikament li d-decizjoni dwar il-hrug o meno tal-permess skont l-Ordinanza dwar l-Esplozivi ittiehdet unikament mill-MEPA meta din kellha tittiehed mill-Kummissarju tal-Pulizija li ma seta` jiddelega lil hadd il-funzjonijiet tieghu taht l-Ordinanza.

**Jirrizulta ghalhekk li l-ilment huwa msejjes fuq l-Art 469A(1)(b)(i) fir-rigward ta` l-Awtorita` konvenuta, u fuq l-Art 469A (1)(b)(iii) tal-Kap 12 fir-rigward tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

Il-fatt li dawn id-disposizzjonijiet ma kinux iccitati fic-citazzjoni ma jgibx in-nullita` tal-azzjoni.

**L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija qeghda tkun respinta.**

## 2. L-eccezzjonijiet fil-mertu tal-Kummissarju tal-Pulizija

Fil-mertu, il-Kummissarju tal-Pulizija eccepixxa li huwa mexa fil-parametri tal-poteri tieghu meta ntroduca process ta` konsultazzjoni mal-MEPA ghal finijiet ta` hrug ta` permessi simili. Kien eccepit illi l-iskop tal-konsultazzjoni huwa peress li l-Awtorita` ghandha obbligu li thares l-ambjent. Il-hrug tal-permess ta` barriera jsir mill-Awtorita` konvenuta bil-konsegwenza – ighid il-Kummissarju - li jkun assurd li huwa johrog permess ghal attivita` li ser issir f`post li hu kopert minn permess ta` entita `ohra. Finalment eccepixxa li l-bazi tal-oggezzjoni tal-MEPA ghall-hrug tal-permess kienet gustifikata u tkompli tikkonferma s-sens ta` responsabilita` li mexa biha l-istess Kummissarju.

Is-socjeta` attrici tilmenta illi bl-adozzjoni ta` procedura gdida, l-ewwel huwa mehtieg li jinghata kunsens mill-Awtorita`, u fil-kaz li ma jkunx hemm dan il-kunsens, il-licenzja ma tkunx tista` tinghata. Dak li ghalhekk qed issostni s-socjeta` attrici huwa li tnehhiet id-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija skont il-Kap 33 peress li fil-kaz li l-Awtorita` taghmel rakkomandazzjoni fin-negattiv, il-Kummissarju ma kienx ser johrog il-

permess. Ghaldaqstant sar l-argument illi l-eghmil amministrattiv tal-Kummissarju tal-Pulizija jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorità pubblika billi r-rifjut ta` l-ghoti ta` licenzja kien fondat fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

3. **<u>L-Art 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12</u>**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-12 ta` Dicembru 2011 (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta` Jannar 2016) fil-kawza "**<u>Said International Limited vs Bank Centrali ta` Malta</u>**" inghad hekk :-

*Fil-kuntest ta` din id-disposizzjoni, jidhol l-element ta` dak li huwa "ragonevoli" (reasonableness) u li ghandu jkun segwit mill-awtorita` pubblika meta tiddeciedi jew tezercita d-diskrezzjoni taghha.*

*Wade ("Administrative Law") jikkumenta hekk –*

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

*Tqum il-kwistjoni dwar the legal standard of reasonableness li huwa mehtieg sabiex jigi sodisfatt dak ir-rekwizit ghax, kif jikkumenta l-istess awtur, virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*

*Kien ritenut ukoll li sabiex decizjoni titqies ragonevoli jehtieg li tkun bazata fuq kriterji oggettivi ("**<u>Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et</u>**" – Appell – 27 ta` Marzu 2009 u "**<u>Dalli vs Sollars et</u>**" – PA/RCP – 20 ta` Ottubru 2009)*

*Lord Greene MR fil-kawza **<u>"Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation"</u>** [1948] 1 KB 223 ighid hekk –*

*"It is true that the discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean ? Lawyers familiar with the phraseology commonly used in*

*relation to exercise of statutory discretion often use the word `unreasonable` in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting `unreasonably.` Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the power of the authority. Warrington LJ in Short v Poole Corporation [1926] Ch 66 at 90, 91 gave the example of the red-haired teacher dismissed because she had red hair. That is unreasonable in one sense. In another sense it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it may be described as being done in bad faith ; and, in fact, all these things run into one another."*

*Dwar irrelevant considerations Lord Esher MR filkawza "**R. vs St. Pancras Vestry"** (1890) qal hekk –*

*"they must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion"*

*Skond il-**Garner`s Administrative Law,** BL Jones & K Thompson, Tmien Edizzjoni, Butterworths, 1996 (pag.224) fid-Dritt Amministrattiv Ingliz, il-Qrati ghandhom is-setgha illi jissindakaw " ... that the decision making body addressed itself to all relevant factors, and ignored irrelevant factors, in coming to its conclusions". Fl-istess waqt skond Forbes J fil-kawza "**Pickwell v Camden London Borough Council**" (1983), 1983 osserva li r-rwol tal-qorti mhwiex li jghidu "whether due or proper weight is given to a material consideration : the weight to be given to such a matter is for the body exercising the discretion to determine ; the court will no more substitute its own view of the importance of anyrelevant matter than it will do so for any other matter of statutory discretion"*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/JRM**) fl-1 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta**" intqal li :

*Illi kien ghalhekk li, mal-medda taz-zmien, issawru regoli li jharsu l-imsemmija setghat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istharrig*

*taghhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija moghnija b`diskrezzjoni tista` tigi ordnata tezercitaha f`kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x`ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b`xi mod partikolari. Biex jigi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jehtieg li lill-Qorti jirrizultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan ghamlitu minghajr l-indhil tal-ebda haddiehor jew bla ma poggiet lilha nnifisha f`qaghda fejn ma setghetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni (Ara App. Civ. 20.5.1982 fil-kawza fl-ismijiet **Fenech Adami et vs Cremona pro et noe**).*

*Siewi wkoll li jigi accertat li l-awtorita` mistharrga m`ghamlitx dak li kienet espressament mizmuma milli taghmel, jew jekk ghamlitx xi haga li ma kinitx awtorizzata taghmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistharrga trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-kaz. Dawn huma, fil-qosor, il-gabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta` nuqqas ta` ezercizzju ta` diskrezzjoni u ta` eccess jew abbuz ta` dak l-ezercizzju ;*

*Illi marbut sfiq ma` dawn il-principji wiehed isib ukoll it-test tar-ragonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Dan l-aspett qieghed jissemma ghaliex il-kumpannija attrici semmiet, fost l-ilmenti taghha, l-irragonevolezza tad-decizjoni tal-Bank imharrek. Id-dmir li awtorita` tagixxi ragonevolment mhux l-istess bhad-dmir li tagixxi bona fide (Ara, per ezempju, **R vs Roberts, ex p. Scurr** (1924) 2 K.B. 695).*

*Ghalhekk, filwaqt li mhux kull ezercizzju ragonevoli ta` gudizzju huwa bilfors korrett, lanqas m`huwa bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta` gudizzju zbaljat (Ara, per ezempju, R. vs W (1971) A.C. 682). F`kaz bhal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li ghandha tuza biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-decizjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittiehed minn persuni ragonevoli.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) tal-5 ta` Lulju 2016 fil-kawza "**Kevin Brincat et vs Ufficjal Principali ta` l-Immigrazzjoni et**" inghad hekk :-

*B`"diskrezzjoni" wiehed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bhala "(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction" (DeSmith, Woolfe & Jowell **Principles of Judicial Review** (5th Edit, 1995), pag. 296).*

*Illi l-Qorti tifhem li ladarba ezercizzju bhal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta` dik id-diskrezzjoni, ghall-finijiet ta` stharrig gudizzjarju, tippermetti li l-persuna moghnija b`dik is-setgha diskrezzjonali*

*(f`dan il-kaz, l-Ufficjal Ewlieni ta` l-Immigrazzjoni) ma tkunx marbuta mal-elementi oggettivi ghall-formazzjoni tal-hsieb taghha, li huwa fdat ghall-prudenza suggettiva ta` dik il-persuna u li timplika tabilfors element soggettiv (App. Civ. 30.11.1993 fil-kawza fl-ismijiet* ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.376).*

*Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-ligi li tawtorizzaha, b`mod ragonevoli, b`ekwita` u haqq (App. Civ. 21.4.1961 fil-kawza fl-ismijiet* ***Masini noe vs Podesta` noe*** *(Kollez. Vol: XLV.i.110) u minghajr abbuz ta` dik l-istess diskrezzjoni (App. Inf. 26.2.2010 fil-kawza fl-ismijiet* ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji****). Huwa maghruf ukoll li t-twettiq ta` diskrezzjoni bhal dik dettat minn xi sura ta` pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel cirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet hazin, ghaliex ghall-ezercizzju tal-arbitriju hieles u ragunat tal-persuna awtorizzata jkun dahal l-element li l-hsieb li wassal ghad-decizjoni kien wiehed imgieghel ;*

*... Illi l-kittieba awtorevoli f`dan il-qasam jghallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jizguraw li ma tonqosx il-legalita` fl-ghemil mistharreg, izjed milli dak li jaraw li l-awtorita` pubblika mistharrga tkun iddecidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qaghda f`bosta decizjonijiet tal-qrati (Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-9.6.2011 fil-kawza fl-ismijiet* ***Mario Debono et vs Tabib Principali tal-Gvern et****) ;*

*Illi huwa stabbilit li biex jitqies jekk awtorita` wettqitx b`mod ragonevoli d-diskrezzjoni moghtija lilha bis-sahha ta` xi ligi, irid jintwera li dik l-awtorita` mxiet ma` dak li kellha jew messha taghmel u mhux biss ma` dak li setghet taghmel (H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10th.. Edit), pg. 295). Dan ifisser li l-kejl tar-ragonevolezza jkun wiehed oggettiv marbut mac-cirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq (App. Civ. 27.3.2009 fil-kawza fl-ismijiet* ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et****).*

*B`zieda ma` dan, biex imgiba titqies abbuziva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta` intenzjoni biex wiehed jaghmel il-hsara, liema fehma wiehed jista` jasal biex juriha b`xi prova ta` mgiba esterna li taghmel parti mill-ezercizzju diskrezzjonali li jkun.*

*Minbarra dan, l-ezercizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "rite" u kif ukoll "recte", jigifieri jrid jitwettaq skond il-procedura stabilita u kif ukoll imhaddem b`haqq (App. Inf. PS 26.2.2010 fil-kawza fl-ismijiet* ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji****).*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-29 ta` Jannar 2016 fil-kawza "**Ganni Attard vs Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations**" saret riferenza ghall-gurisprudenza dwar l-Art 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12. Inghad :-

*A skans ta` ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza patria u l-awturi kkwotati mill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha u taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-5 ta` Dicembru 2014 fl-ismijiet **Tabone Computer Centre Ltd v. Ir-Regolatur tat-Telegrafija minghajr Fili, id-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili u l-Avukat Generali,** fejn jinghad :*

*"Issa hu veru li kull awtorita` trid tagixxi b`mod ragjonevoli, fis-sens li d-decizjoni taghha trid tkun wahda dettata bir-raguni meqjusa c-cirkostanzi kollha rilevanti tal-materja. Fil-kawza Buttigieg v. Rettur tal-Universita` ta` Malta et, deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit- 22 ta` Dicembru 2003 intqal li : "It-`tests` ta` `unreasonableness` fl-ezercizzju ta` poteri simili gew enuncjati fil-kawza **Kruse v. Johnson** 1898 u b`dan il-mod: 'if they are manifestly unjust`; `if they disclosed bad faith`; if they could find no justification in the minds of reasonable men."*

*Issir referenza wkoll ghas-sentenza ta` din il-Qorti tas-27 ta` Frar 2015 fl-ismijiet **Adrian Deguara v. Suprintendent tas-Sahha Pubblika**, fejn il-Qorti sahqet:*

*`L-ghoti tal-helsien mill-harsien ta` ligijiet sanitarji hija diskrezzjonali ghall-Bord, izda l-ezercizzju ta` dik id-diskrezzjoni huwa sindakabbli mill-qrati ordinarji jekk jirrizulta li hija rragjonevoli jew li ttiehdu konsiderazzjoni ta` fatturi li ma kellhomx jittiehdu jew ma ttiehdux konsiderazzjoni ta` fatturi li kellhom jittiehdu. Fil-kawza ricenti **All for Property Ltd. v. Direttur Generali (Dwana)**, deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta` Settembru 2014, f`kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili sar reassunt tal-principji legali applikabbli meta jsir stharrig ta` ezercizzju ta` diskrezzjoni. Intqal hekk a propozitu:*

*"Fil-kuntest tas-subinciz (iii) tal-inciz (1)(b) tal-Kap. 469A dwar irrelevant considerations Lord Esher MR fil-kawza "**R. vs St. Pancras Vestry**" (1890) qal hekk:- ""They must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise*

*of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion".*

*Kif qal l-awtur HWR Wade, fil-ktieb tieghu* ***Administrative Law****, jikkummenta hekk :-*

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably." [Lord Wrenbury]."*

*Il-Qorti tirreferi ghal dak deciz fil-kaz "****Debono v Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku"*** *fejn il-Qorti pprecizat li "l-Artikolu 469A(1)(b)(iii) ma jfissirx li l-Qorti ser tezamina l-mertu tal-kaz quddiem l-Awtorita`, imma jekk l-Awtorita` wasslet ghad-decizjoni taghha abbazi ta` improper purpose` jew konsiderazzjonijiet irrilevanti."*

**4. Rizultanzi**

Mill-provi akkwiziti jidher li hija l-Awtorita` konvenuta li tiehu hsieb l-hrug ta` permessi rigward l-izvilupp ta` l-art u sabiex sit jintuza bhala barriera.

Fil-kaz odjern, il-procedura adottata mill-Kummissarju tal-Pulizija kienet illi qabel tinhareg jew tigi rifjutata licenzja ghal xoghol ta` tqattigh ta` blat bl-ispluzzivi, jigu kkonsultati entitajiet u awtoritajiet ohra li jistghu jkunu effettwati bid-decizjoni li tittiehed, u dana sabiex qabel jiehu decizjoni dwar il-hrug ommeno tal-licenzja, il-Kummissarju tal-Pulizija jkollu quddiemu ix-xenarju kollu halli b` hekk ikun jista` jiehu decizjoni infurmata. It-talba tas-socjeta attrici lill-Kummissarju tal-Pulizija kienet ghal licenzja ghall-uzu ta` splussivi, ossija talba li tirrigwarda uzu ta` art, u ghalhekk ma kien hemm xejn irregolari li qabel jasal ghad-decizjoni tieghu, il-Kummissarju tal-Pulizija jikkonsulta ma` l-Awtorita` konvenuta bhala l-Awtorita` li tirregola l-uzu tal-art.

Huwa minnu li l-Ordinanza dwar l-Esplozivi tipprovdi li d-diskrezzjoni dwar il-hrug ommeno ta` tali permess hija affidata unikament lill-Kummissarju tal-Pulizija. Madanakollu fl-Ordinanza ma hemm xejn li

jipprojbixxi li qabel jiehu decizjoni, il-Kummissarju tal-Pulizija jikkonsulta ma` entitajiet u awtoritajiet ohra. Il-fatt li ssir din il-konsultazzjoni ma jfissirx li necessarjament li l-Kummissarju tal-Pulizija jkun ddelega d-diskrezzjoni tieghu lil terzi inkluz lil xi awtorita` ohra. Id-decizjoni tibqa` tieghu u jista` jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet li jsiru jew jiskartahom.

L-intimati sahqu li hemm diversi regolamenti u *policies* li jirregolaw l-intervent fuq l-art bl-isplussivi, fosthom il-Pjan ta` Struttura vigenti fiz-zmien riferibbli ghall-kawza odjerna u li ghandu sahha ta` ligi hekk kif spjegat fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/RCP) tal-31 ta` Mejju 2011 fil-kawza "**Gozowide Properties Limited vs il-Prim Ministru et**".

Bhala parti mill-Pjan ta` Struttura, hemm l-*structure plan technical report* li jistipola dak li jirrigwarda licenzji godda ghal barrieri :-

3.6 *Under the present procedure, before the Police begin to process an application they require that the applicant has received clearance from the Planning Areas Permit Board. The applicant is then required to submit details of the land ownership, a site plan, a declaration regarding neighbouring property, certain personal details, and a declaration that the applicant will not commence quarrying before a licence is issued.*

3.7 *On processing the application, the Police seek clearance from a number of Government Departments …* (fol 196)

Imbaghad taht l-intestatura "*Blasting*" hemm imnizzel hekk :-

3.10 *Prevention of nuisance or damage to neigbouring property from blasting vibration in Hardstone quarries is covered by a condition limiting the amount of explosive used. As well as domestic and commercial premises, damage to water abstraction boreholes is of great concern.*

3.11 *Determination of the maximum permitted charges within certain distances of sensitive property is a matter of experience and judgement by the officers concerned. There is no monitoring of the vibration actually produced by blasting at quarries, and therefore no objective assessment of nuisance or damage that may arise.* (fol 197)

Aktar 'il quddiem fl-istess dokument hemm imnizzel hekk taht l-intestatura "*Other Legislation*" :-

*3.19 The second significant piece of legislation is the Explosives Ordinance. Through this Government regulates the supply, storage, and use of explosives, which are essential for the operation of Hardstone quarries but does not affect Softstone quarries.*

*3.20 Effectively Government has a monopoly on the supply of explosives, the only licensed storage facility being with the military. Quarry owners wishing to blast obtain the necessary explosives on request, sufficient for each blast only. This arrangement provides a very effective means of Government control on the Hardstone quarrying industry.*

Taht l-intestatura "*Renewal of Licences and Enforcement*" jinghad

3.21 *A licence or permit for quarrying is only valid for one year. The present procedure is that prior to a licence being due for renewal, the Commissioner of Police seeks clearance from the Director of Works, Chief Government Medical Officer, and the Water Works Department. When clearance is received, the Police notify the licensee, seeking payment of the annual fee and setting out any new conditions that may be imposed on matters such as blasting."*

Evidenza ohra li turi kemm ma kien hemm xejn abbuziv meta l-Kummissarju tal-Pulizija kkonsulta l-Awtorita` konvenuta. Infatti il-kuntrattur inkarigat mis-socjeta` attrici biex japplika ghal licenzja ghal tqattigh ta` blat bl-isplussivi baghat l-applikazzjoni liz-zewg konvenuti.

Il-Qorti tirrimarka illi dak li gara fil-kaz tal-lum kienet konsultazzjoni ma` entitajiet ohra : fosthom l-AFM, id-Dipartiment tax-Xogholijiet u l-Pulizija tad-Distrett.

Jidher li din il-procedura kienet addottata kemm fil-kaz tal-barriera in kwistjoni kif ukoll dik bin-nru HM22.

Skont ma xehdu d-Deputat Kummissarju tal-Pulizija Seychell u l-Ispettur Miruzzi Mula, il-Kummissarju tal-Pulizija mhux marbut bir-rakkomandazzjonijiet teknici li jsiru, izda huwa normalment joqghod fuqhom sakemm ma jkunx hemm ragunijiet li jwasslu lill-Kummissarju sabiex imur kontra dawk ir-rakkomandazzjonijiet. B`daqshekk biss ma jfissirx li l-

Kummissarju tal-Pulizija ddelega l-poteri tieghu lill-entitajiet ohra. Tibqa` dejjem u finali d-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija joqghodx jew le fuq ir-rakkomandazzjonijiet li jsiru.

Premess dan kollu, il-Qorti tirrileva li abbazi tal-provi akkwiziti, ma ssibx li saret il-prova dokumentarja tar-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li johrog il-licenza li riedet is-socjeta` attrici.

Fil-kors tal-kawza saret referenza ghall-ittra mibghuta mill-Awtorita` intimata li fiha kien rakkomandat li l-Awtorita` ma kinitx ser taghti *clearance for any blasting activity at the quarry HM 15.*

Izda ma tressqet l-ebda prova dokumentarja da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija fis-sens li wara dik l-ittra, il-Kummissarju tal-Pulizija ghadda biex ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu u ha decizjoni illi jichad l-applikazzjoni tas-socjeta` attrici.

Il-prova li saret kienet biss l-ittra li baghtet l-Awtorita` konvenuta li kienet indirizzata lis-socjeta` attrici u notifikata Assistant Kummissarju tal-Pulizija *inter alia* (fol 6).

In-nuqqas ta` produzzjoni ta` provi da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija illi effettivament huwa gharbel il-fatti u ddecieda li jirrifjuta li johrog il-licenzja mitluba ma hija felici xejn.

Ladarba tirrizulta l-ittra tal-Awtorita` kien jinkombi aktar u aktar fuq il-Kummissarju tal-Pulizija li jaghti prova u cioe` l-ahjar prova li wara li gharbel kollox ha decizjoni.

Is-socjeta` attrici tippremetti li l-Kummissarju tal-Pulizija naqas milli johrog il-licenzja mitluba mis-socjeta` attrici.

Ghalkemm – kif kien spjegat aktar kmieni – din il-Qorti mhix tghid illi l-Kummissarju tal-Pulizija agixxa *ultra vires* ghax ikkonsulta ma` diversi entitajiet waqt l-ipprocessar ta` l-applikazzjoni tas-socjeta` attrici, xort`ohra

tibqa` l-kwistjoni ta` x`ghamel il-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront tas-socjeta` attrici wara li temm il-process ta` konsultazzjoni tieghu.

Konkluz il-process ta` konsultazzjoni mal-entitajiet indikati, zbalja l-Kummissarju tal-Pulizija li, wara li ghamel il-konsiderazzjonijiet tieghu, ghamel rifjut - bla motivazzjoni.

Kemm qal biss li ddecieda li l-licenzja ma ghandhiex tinhareg.

Ghal din il-Qorti kien imperattiv li ssir il-prova mill-Kummissarju tal-Pulizija li huwa ha decizjoni motivata.

Altrimenti jfisser li dak li ghamel il-Kummissarju tal-Pulizija kien biss li ghamel *rubber-stamp* ta` li kkonkludiet l-Awtorita` konvenuta ; b`zieda ma` dan - bla ma semghet lis-socjeta` attrici.

Fil-fehma taghha, ma hemmx prova – prova li kienet tispetta lilu – illi l-Kummissarju tal-Pulizija uza tajjeb id-diskrezzjoni moghtija billi qies kif dovut r-rakkomandazzjoni tal-Awtorita` konvenuta, u li wara li ghamel il-verifiki tieghu, wasal ghall-konkluzjoni li r-rakkomdazzjoni kienet gusta u korretta, u kollox meqjus, ha decizjoni li ma jkunx hemm tigdid tal-licenzja.

Prova ta` dan kollu l-Qorti m`ghandhiex.

Abbazi tal-provi, ma rrizultax li ntalbu verifiki jew informazzjoni ulterjuri dwar il-kontenut tar-rakkomandazzjoni tal-Awtorita` konvenuta.

Inoltre minn kliem id-Deputat Kummissarju Seychell jirrizulta li l-Kummissarju tal-Pulizija normalment joqghod fuq ir-rakkomandazzjonijiet teknici li jinghata - inkluzi dawk tal-Awtorita` konvenuta.

Din il-Qorti tghid illi – apparti l-aspetti ta` metodu li kienu trattati aktar kmieni – il-Kummissarju tal-Pulizija ma rnexxielux jikkonvinci li – konkluz il-process ta` konsultazzjoni tieghu – kif fuq inghad – realment u

effettivament - ma abdikax mill-funzjoni tieghu skont il-ligi meta gie biex jichad l-applikazzjoni tas-socjeta` attrici.

Ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija kkonsulta ruhu, haga li seta` jaghmel skont il-Kap 33, fl-istess waqt qaghad ghal kollox fuq il-konsultazzjoni li kellu mal-Awtorita` konvenuta b`mod u manjiera li lanqas hareg decizjoni ufficjali bil-miktub ta` d-decizjoni li ha meta rrifjuta l-applikazzjoni. Tul il-process kollu tal-applikazzjoni ghall-hrug tal-permess, il-Kummissarju tal-Pulizija baqa` sieket u assenti ghal kollox. Ma ghamel l-ebda twegiba formali ghall-applikazzjoni tas-socjeta` attrici. Fil-fehma ta` l-Qorti, ma jirrizultax li l-Kummissarju tal-Pulizija ha decizjoni li tixhed esercizzju ta` diskrezzjoni bil-mod kif trid il-ligi.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tara li l-ewwel talba timmerita li tkun akkolta, in vista tal-fatt li fil-kaz tal-lum irrizulta li l-Kummissarju tal-Pulizija, mhux semplicement ikkonsulta mal-Awtorita` konvenuta, haga li seta` jaghmel, izda spicca halla ghal kollox fl-idejn ta` l-Awtorita` konvenuta sabiex tkun hija li – realment u effettivament - tiddeciedi dwar l-applikazzjoni tas-socjeta` attrici. Fil-mument li l-Awtorita` ma tatx *clearance,* il-Kummissarju tal-Pulizija waqaf hemm, ma ddelibera xejn, u lanqas wiegeb kif dovut ghall-applikazzjoni tas-socjeta` attrici.**

## VI. It-tieni talba

L-Awtorita` konvenuta tishaq fuq l-infondezza tat-talbiet attrici, billi ssostni li s-socjeta` attrici ma tista` tippretendi xejn mill-Awtorita` meta s-socjeta` attrici taf illi ladarba hemm illegalitajiet jew pendenzi dwar is-sit, dawn ghandhom jigu sanzjonati jew risolti qabel ma ssir talba ghal xi permess.

Inghad b`riferenza ghall-avviz ta` infurzar nru ECF 806/02 illi s-socjeta` attrici ma pprezentatx ir-*restoration scheme* li kien mitlub, u li s-sit de quo huwa skedat, u milqut b`ordni ta` konservazzjoni li jfisser li ma jista` jsir l-ebda zvilupp iehor fl-istess sit.

Jirrizulta ppruvat illi tassew hareg l-avviz ta` infurzar 806/02 (ara Dok MEPA 1a sa 1c a fol 22 sa 24) u ordni ta` konservazzjoni dwar is-sit (ara Dok MEPA 4 a fol 35 et seq).

Madanakollu jirrizulta wkoll li sar appell mit-tnejn, liema appelli ghadhom pendenti quddiem il-Bordijiet kompetenti u kostitwiti mil-ligi.

Certament mhuwiex fil-kompitu istituzzjonali ta` din il-Qorti li tidhol fil-mertu tal-*enforcement notice* u tal-*conservation order* in kwistjoni.

Ghalkemm is-socjeta` attrici ggib l-argument illi ladarba hemm appelli dwar dawn iz-zewg atti, u dawk l-appelli ghadhom pendenti, allura r-rakkomandazzjoni negattiva ma torbotx, peress li dawk l-atti ghadhom soggetti ghal skrutinju fil-proceduri ta` l-appell, jibqa` l-fatt illi z-zewg atti ghadhom sal-lum vigenti u applikabbli, u bil-fatt li kien hemm appell mis-socjeta` attrici dak ma jgibx mieghu is-sospensjoni tal-effetti taz-zewg atti.

Mhux l-istess ghandu jinghad ghar-rigward tar-*restoration scheme*, li abbazi tal-provi rrizulta li kien prezentata mis-socjeta` attrici fil-mori ta` din il-kawza. Minkejja dan, is-socjeta` attrici tilmenta li l-Awtorita` konvenuta ghadha ma tatx *feedback* dwar ir-*restoration scheme.*

Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tistharreg il-validita` ommeno tar-ragunijiet indikati fl-ittra tal-25 ta` Marzu 2004.

Mhuwiex kompitu ta` din il-Qorti li tindaga jekk l-avviz ta` infurzar u/jew l-ordni ta` konservazzjoni hargux validament inkella le.

Dak li jispetta lil din il-Qorti huwa li tistabilixxi jekk bl-ittra tal-25 ta` Marzu 2004, l-Awtorita` konvenuta agixxietx *ultra vires* b`mod irragjonevoli u in mala fede billi uzurpat poteri li ma jikkompetux lilha fil-kuntest tal-hrug ta` licenza mitluba mill-attrici.

Jirrizulta li l-ittra tal-25 ta` Marzu 2004 intbaghtet b`risposta ghall-applikazzjoni li ntbaghtet liz-zewg konvenuti mis-socjeta` attrici. Jirrizulta li l-applikazzjoni ghall-hrug ta` licenzja ghal tqattigh bi splussivi intbaghtet liz-

zewg konvenuti. Bl-ittra taghha tal-25 ta` Marzu 2004, l-Awtorita` konvenuta avzat lill-applikanti illi ma kinitx sejra taghti *clearance* ghall-hrug ta` l-licenzja. Fl-ebda hin ma kien indikat illi l-applikazzjoni ghall-hrug ta` l-licenzja kienet qegha tigi deciza mill-Awtorita` konvenuta, u l-applikazzjoni kienet qeghda tigi michuda.

L-Awtorita` konvenuta ma kenitx qeghda tiddeciedi l-applikazzjoni kuntrarjament ghal dak li qalet is-socjeta` attrici fis-seba` premessa taghha. Taghha kienet biss rakkomandazzjoni.

Il-fatt li in segwitu l-Kummissarju tal-Pulizija naqas li johrog il-licenzja kif mitlub mis-socjeta` attrici ma jwassalx ghall-konkluzjoni allegata mis-socjeta` attrici li l-Awtorita` konvenuta uzurpat poteri li ma jikkompetux lilha. L-Awtorita` sempliciment tat ir-rakkomandazzjonijiet taghha izda finalment kien jinkombi fuq il-Kummissarju tal-Pulizija li jiddelibera u jiddeciedi x` kellu jaghmel dwar l-applikazzjoni.

**Ghaldaqstant it-tieni talba attrici sejra tkun michuda.**

## VII. <u>It-tielet talba</u>

Ghalkemm skont l-Art 469A tal-Kap 12 din il-Qorti ghandha l-awtorita` li tistharreg u tissindika l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija, dan ma jfissirx li din il-Qorti ghandha s-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u taghmel dak li qeghda titlob is-socjeta` attrici bit-tielet talba.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/JRM) tat-30 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**<u>Dr. Emanuel Borda vs Professur Roger Ellul Micallef noe</u>**" inghad hekk :-

*Huwa minnu li Qorti m`ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta` awtorita` bid-diskrezzjoni taghha, imma ghandha d-dmir illi tistharreg jekk dik id-diskrezzjoni tkunx marret lil hinn mis-setghat moghtija lil dik l-awtorita` bil-ligi, kif mahsub fl-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12. F`dan ir-rigward u sa` dawn il-limiti l-Qrati ordinarji ghandhom mhux biss is-setgha imma ukoll id-dmir li jistharrgu jekk mitluba jaghmlu dan..*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-29 ta` Jannar 1993 fil-kawza "**Mary Grech vs Ministru tax-Xogholijiet**" inghad :-

*Il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta` judicial review ta` l-operat ta` lEzekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari ta` l-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m` ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b` dik taghhom.*

Fis-sentenza taghha fil-kawza "**Laurence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali**" [op. cit.] saret referenza ghall-ktieb ta` De Smith & Evans : "**Judicial Review of Administrative Action**" :-

*"To say that somebody has a discretion presupposes that there is no uniquely right answer to his problem. There may, however be a number of answers that are wrong in law…The exercise of a discretion may be impugned directly or indirectly. The indirect method of challenge is the more common. A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or `ultra vires` because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the dicscretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for insitituting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings…The crucial question however is: In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided."*

Fl-istess sens kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` Jannar 2004 fil-kawza "**Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija**" fejn inghad illi l-qrati fil-funzjoni taghhom ta` judicial review ta` l-operat ta` l-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari ta` l-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m`ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b` dik taghhom.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-11 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Reginald Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika et**" inghad hekk :-

*F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero`, ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni ; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-*terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiehux *decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed tittituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti ; pero`, finalment hija dik l-awtorita` li trid tiehu d-decizjoni, mhux il-Qorti.*

**Ghalhekk it-tielet talba qeghda tkun respinta.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar l-ewwel tliet talbiet attrici u dwar l-eccezzjonijiet relattivi tal-konvenuti billi qeghda :-**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tichad it-tieni u t-tielet talbiet.**

**Ghar-rigward tal-ispejjez tad-decizjoni tal-lum, tordna lill-Awtorita` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez relatati mal-ewwel**

**eccezzjoni taghha, waqt li l-ispejjez l-ohra tal-Awtorita` konvenuta ghandhom jithallsu mis-socjeta` attrici.**

**Tordna lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija sabiex ihallas l-ispejjez relatati mal-ewwel eccezzjoni tieghu.**

**Tordna li l-ispejjez rimanenti jithallsu in kwantu ghal nofs mis-socjeta` attrici u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.**

**Thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 24 ta` Jannar 2017 fid-9.00 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**